MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1194/2003

**A M Mangion Limited**

**vs**

**Fiorini's Trading Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab d-debitrici tas-socjeta` attrici A M Mangion Limited fis-somma ta' erbatax-il elf, mija u erba' Liri Maltin u tletin centezmu (Lm14,104.30) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici

lis-socjeta` konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha;

Illi nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx il-bilanc intier dovut minnha, hlief illi qatghet parti minnu ma' flus dovuti lilha mis-socjeta` attrici;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma dovuta;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta' erbatax-il elf, mija u erba' Liri Maltin u tletin centezmu (Lm14,104.30) rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 2009/03, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-partijiet flimkien li biha s-socjeta` konvenuta ammettiet it-talba u l-partijiet ftiehmu dwar programm ta' hlas;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta, b'dan illi l-hlas isir skond il-programm muri fuq in-nota pprezentata llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------